MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

**ĊIRKULARI**

**Data:** 19 ta' Novembru 2019 **Ref:** DLAP 487/2019

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** Carmen Muscat – Uffiċjal Edukattiv, Assessjar tat-Tagħlim

**Suġġett:** Il-Benċmark ta' Tmiem il-Primarja 2020 – L-Għoti ta' Arranġamenti t'Aċċess u Eżenzjonijiet

---

Bi tħejjija għall-Benċmark ta' Tmiem il-Primarja 2020, l-iskejjel jistgħu japplikaw għall-għoti ta' arranġamenti t'aċċess lil dawk l-istudenti li għandhom bżonn dan is-servizz u lil dawk l-istudenti li jistgħu jiġu eżentati minn xi komponent/i tal-Benċmark. Il-proċess preżenti għandu l-għan li jassigura li l-arranġamenti t'aċċess u l-eżenzjonijiet ikunu meqjusa bħala parti integrali mill-proċess tat-tagħlim.

L-iskejjel jistgħu japplikaw għal dawn l-arranġamenti addizzjonali:

- Qarrej għall-Matematika u/jew Multiplication Tables
- Qarrej Elettroniku għall-Fehim mill-Qari fil-Malti u/jew fl-Ingliż
- Skriba għall-Kitba fil-Malti u/jew fl-Ingliż
- Tipa kbira għal studenti neqsin mill-vista
- Komunikatur għal studenti neqsin mis-smigħ

Jekk jogħġbok, irreferi għall-e-handbook (aċċessibbli mill-ħolqa t'hawn taħt) sabiex timxi mal-proċedura korretta meta tapplika għal dan l-għoti ta' arranġamenti addizzjonali u eżenzjonijiet:
http://curriculum.gov.mt/en/Benchmark/General-information/Documents/bm_2020_acc_arrang_exemptions_handbook.pdf

L-applikazzjonijiet kollha u l-e-templates mimlijin kif suppost iridu jintbagħtu lit-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv (benchmark@ilearn.edu.mt, cc: julie.attard@ilearn.edu.mt) **sal-Ħamis 12 ta' Diċembru 2019**. Għal iktar tagħrif, jekk jogħġbok ikkuntattja lis-Sa Carmen Muscat fuq 25982186.

Fil-każijiet kollha, id-deċiżjoni tal-Bord tar-Reviżjoni għal Talbiet ta' Arranġamenti Addizzjonali u Eżenzjonijiet, hija finali.

Grazzi tal-kooperazzjoni.

**Gaetano Bugeja**
**Id-Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**

Kamra 309/310, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 | t: + 356 2598 2425/6/7 | e: dlap@gov.mt / gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt | w: www.education.gov.mt